# STRATEĠIJI TAL-UNJONI EWROPEA
# GĦALL-POLITIKA DWAR IT-TRASPORT MARITTIMU SAL-2018



**Riċentement, il-Kummissjoni Ewropea nediet Komunikazzjoni li biha esprimiet l-importanza li s-settur tat-trasport marittimu għandu fl-isfera Ewropea u dinjija speċjalment meta tqis li 80% tal-kummerċ dinji jsir bil-baħar, u li kull sena 400 miljun passiġġier jgħaddu mill-portijiet Ewropej.**

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni ħarġet bi strateġija li biha l-UE jkollha bażi fuq x'hiex taħdem f'dan is-settur sas-sena 2018.

Uħud mill-modi li bihom l-UE tista' tibqa' kompettitiva waqt żmien diffiċli ekonomiku huwa billi tappoġġja kundizzjonijiet favur il-kummerċ marittimu u tintensifika d-djalogu u qbil bilaterali ma' msieħba f'dan is-settur.

Il-professjonijiet marittimi wkoll għandhom ikunu parti minn din l-istrateġija. L-azzjonijiet tal-UE għandhom jiżguraw li jaddottaw miżuri li bihom jitjiebu l-prospetti ta' xogħol fuq il-baħar. Fost il-prijoritajiet imniżżla għall-UE hemm li tiżgura l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-2006 tal-*International Labour Organisation* (ILO) dwar ix-xogħol marittimu għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord il-vapuri, imma wkoll tniżżel diversi suġġerimenti oħra – inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll materji dwar is-sigurtà soċjali.

It-trasport bil-baħar ta' kwalità għandu jittieħed bħala vantaġġ kompetittiv ewlieni. Fost l-għanijiet li jissemmew insibu l-prestazzjoni ambjentali bi proċessi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett tas-serra mit-trasport bil-baħar u t-tisħiħ tal-leġislazzjoni tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-faċilitajiet tar-riċeviment fil-port għal skart iġġenerat mill-vapuri. Jissemmew ukoll is-sikurezza b'infurzar tar-regoli eżistenti u s-sehem attiv fl-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO), is-sigurtà partikolarment fid-dawl ta' dak li qed jiġri mal-kosta tas-Somalja u s-sorveljanza fejn fost l-oħrajn, hemm imsemmi li għanda tiddaħħal sistema elettronika integrata li biha l-UE tipprovdi servizzi fuq livelli differenti fil-katina tat-trasport marittimu. F'dan ir-rigward, is-sistema għandha tkun kapaċi taħdem mas-sistemi elettroniċi tal-merkanzija, tad-dwana, u t-trasport intelliġenti.

Kunċett li ssemma ħafna f'dawn l-aħħar xhur huwa dak tas-sigurtà tal-enerġija. Bħala parti mill-ħidma biex dan iseħħ, il-flotta li tittrasporta l-prodotti tal-enerġija trid tħaddan l-ogħla *standards* tat-teknoloġija filwaqt li l-ekwipaġġ li jservi l-flotta jrid ikun imħarreġ sew fil-qafas tal-isforzi tal-UE għal trasport bil-baħar ta' kwalità.

Punt li jissemma f'din l-istrateġija huwa l-importanza li l-UE taħdem id f'id ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-IMO u l-*World Trade Organisation*. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin f'pożizzjoni tajba biex jaħdmu favur bidla ħalli jinkiseb qafas regolatorju internazzjonali komprensiv għat-trasport bil-baħar, u li jkun addattat sabiex jaffaċċa l-isfidi ta' dan is-seklu.

Punt ieħor li jissemma huwa li għandhom jittieħdu miżuri biex titnaqqas il-burokrazija żejda fid-dokumenti uffiċjali, u tiżdied is-sempliċità fil-proċeduri marbuta mal-awtoritajiet. Għandhom jiġu żgurati wkoll id-drittijiet tal-passiġġiera ħalli jiġi attirat l-investiment f'dan il-qasam ukoll.

Fl-aħħar, l-Ewropa għandha tkun fuq quddiem nett fid-dinja fejn tidħol ir-riċerka u l-innovazzjoni f'dan il-qasam. Sfida ewlenija hija dik li jiġu kreati disinji għall-bastimenti u apparat avvanzat li jiżgura iżjed sikurezza, effiċjenza u ħarsien tal-ambjent.

Din l-istrateġija diġà ġiet diskussa fil-*Core Group* u l-Kumitat Settorjali dwar it-Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tal-MEUSAC. Jekk tixtieq iktar informazzjoni jew tixtieq tgħaddi kummenti dwar din il-Komunikazzjoni tista' tagħmel dan billi ċċempel fuq in-numru 2590 9101 jew tibgħat *email* fuq consult.meusac@gov.mt.

MEU SAC
**Malta-EU Steering & Action Committee**

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2590 9101 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt